

Brussell, 30 ta' April 2026
(OR. en)

8590/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0283 (NLE)**

**PROBA 15
AGRI 313
WTO 60
DEVGEN 67
FORETS 67**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12675/25 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-emendi għall-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw - Adozzjoni

1. Fid-9 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-emendi għall-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw (ST 12675/25 + ADD 1).
2. Fit-18 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill lill-Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Bażiċi (PROBA) u ma tqajmet ebda oġġezzjoni mill-Istati Membri.
3. Fis-17 ta' Frar 2026, il-Kunsill ikkonferma l-qbil tiegħu fil-prinċipju u talab l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.
4. Fid-29 ta' April 2026, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu.

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill:
- jadotta bħala punt "A" id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-emendi għall-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw, kif tinsab wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti fid-dokumenti ST 15258/25 u 15259/25;
 - jordna l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.
6. F'konformità mal-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat dwar l-adozzjoni tad-Deċiżjoni mill-Kunsill.
-